MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 235/2014

**Spinola Development Company Limited**
**(C 331)**

**vs**

**Luciano Bellia**
**(Passaport Taljan Y 242027)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-16 ta’ Lulju 2014 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ sitt elef, tlett mija u hamsa u Hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€6,355.37) rapprezentanti elettriku ta' l-appartament 1861, Portomaso Compelx, San Giljan ghall-periodu Ottubru 2013 sa Marzu 2014, kif ahjar deskritt fl-avviz, hlas ta' common costs, assikurazzjoni u service charge ghas-snin 2012, 2013 u 2014, kif ahjar deskritt fl-avviz u car park fees ghall-car park space 2241 ghas-sena 2013, kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax mid-data tal-fatturi annessi mar-rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fit 13 ta' Ottubru 2014, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali San Giljan u l-Ghassa tal-Puluzija gewwa San Giljan u l-appartament ta' l-intimat (fol 12 tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Awissu 2014 (fol 32) u fil-gazzetti l-Orizzont fl-14 ta' Novembru 2014 u Malta Independent fid 19 ta' Novembru 2014 (fol 14 u 15).

Illi fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 18).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, tlett mija u hamsa u Hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€6,355.37) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------